Nru./No. 21,087
Prezz/Price
€5.58

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 18 ta' Lulju, 2023
Tuesday, 18th July, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 7849 - 7922
Government Notices ..... *7849 - 7922*

Avviżi tal-Pulizija ..... 7923 - 7928
Police Notices ..... *7923 - 7928*

Avviżi lill-Baħħara ..... 7928 - 7930
Notices to Mariners ..... *7928 - 7930*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 7931 - 7932
Employment Opportunities ..... *7931 - 7932*

Avviżi tal-Gvern ..... 7932 - 7940
Notices ..... *7932 - 7940*

Offerti ..... 7941 - 7947
Tenders ..... *7941 - 7947*

Avviżi tal-Qorti ..... 7947 - 7968
Court Notices ..... *7947 - 7968*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 987

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Chris Fearne, MD, FRCS(Ed), MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru nhar it-Tnejn, 17 ta' Lulju, 2023, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

L-14 ta' Lulju, 2023
(OPM/19/2022)

Nru. 988

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru XXVI tal-2023 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji;

Att Nru XXVII tal-2023 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi; u

Att Nru XXVIII tal-2023 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum.

It-18 ta' Lulju, 2023

Nru. 989

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,083 tal-11 ta' Lulju, 2023 (Avviżi Legali 158 sa 160) u Nru. 21,086 tal-14 ta' Lulju, 2023 (Avviżi Legali 161 sa 164) rispettivament.

A.L. 158 tal-2023: Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499); Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri.

A.L. 159 tal-2023: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 605); Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Għotjiet ta' Manteniment għal Studenti.

GOVERNMENT NOTICES

No. 987

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Chris Fearne, MD, FRCS(Ed), MP, Deputy Prime Minister and Minister for Health, assumes the additional duties of Prime Minister on Monday, 17th July, 2023, during the absence from Malta of the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

14th July, 2023

No. 988

PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XXVI of 2023 entitled the Arbiter for Financial Services (Amendment) Act, 2023;

Act No. XXVII of 2023 entitled the Commissioner for Revenue (Amendment) Act, 2023; and

Act No. XXVIII of 2023 entitled the Petroleum (Production) (Amendment) Act, 2023.

18th July, 2023

No. 989

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,083 of 11th July, 2023 (Legal Notices 158 to 160) and No. 21,086 of 14th July, 2023 (Legal Notices 161 to 164) respectively.

L.N. 158 of 2023: Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499); Passenger Transport Services (Amendment) Regulations, 2023.

L.N. 159 of 2023: Education Act (Cap. 605); Students Maintenance Grants (Amendment) Regulations, 2023.

A.L. 160 tal-2023: Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); Ordni tal-2023 dwar in-Numru ta' Imħallfin fil-Qrati Superjuri.

L.N. 160 of 2023: Code Of Organization And Civil Procedure (Cap. 12); Superior Courts (Number of Judges) Order, 2023.

A.L. 161 tal-2023: Att dwar l-Artijiet tal-Gvern (Kap. 573); Regolamenti tal-2023 dwar Konċessjonijiet Enfitewtiċi li Skadew jew li ser Jiskadu.

L.N. 161 of 2023: Government Lands Act (Cap. 573); Expired or Expiring Emphyteutical Concessions Regulations, 2023.

A.L. 162 tal-2023: Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 552); Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Proċedura ta' Applikazzjonijiet u d-Deċiżjoni Relattiva).

L.N. 162 of 2023: Development Planning Act (Cap. 552); Development Planning (Procedure for Applications and their Determination) (Amendment), Regulations, 2023.

A.L. 163 tal-2023: Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti tal-Identità Oħrajn (Kap. 258), Regolamenti tal-2015 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għad-Dokumenti tal-Identità (A.L. 89 tal-2015) (L.S. 258.03); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

L.N. 163 of 2023: Identity Card and Other Identity Documents Act (Cap. 258), Identity Documents (Fees) Regulations, 2015 (L.N. 89 of 2015) (S.L. 258.03); Commencement Notice.

A.L. 164 tal-2023: Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595), Ordni tal-2022 li jemenda l-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (A.L. 287 tal-2022); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

L.N. 164 of 2023: Public Administration Act (Cap. 595), Public Administration Act (Fifth Schedule) (Amendment) Order, 2022 (L.N. 287 of 2022); Commencement Notice.

It-18 ta' Lulju, 2023

18th July, 2023

Nru. 990

No. 990

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318)

SOCIAL SECURITY ACT (CAP. 318)

Ħatra ta' Membri fuq il-Panel Multidixxiplinarju

Appointment of Members on the Multi-disciplinary Panel

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija lilu bl-artikolu 106 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal għoġbu jaħtar lill-persuni li jidhru hawn taħt biex ikunu membri tal-Panel Multidixxiplinarju għall-finijiet speċifikati tal-imsemmi Att.

IN exercise of the powers vested in him by section 106 of the Social Security Act (Cap. 318), the Minister for Social Policy and Children's Rights is pleased to appoint the persons shown hereunder to be members of the Multi-disciplinary Panel for the purposes of the said Act.

Occupational Therapist: Is-Sur Shawn Abela
Occupational Therapist: Is-Sa Sharon Cutajar
Psikologa: Is-Sa Cher Vella Laurenti Engerer
Psikologa: Dott. Josette Barbara Cardona
Psikjatra: Dott. Ethel Felice
Psikjatra: Dott. John Mifsud
Ħaddiema Soċjali: Is-Sa Alexia Vella
Ħaddiema Soċjali: Is-Sa Ariana Attard

Occupational Therapist: Mr Shawn Abela
Occupational Therapist: Ms Sharon Cutajar
Psychologist: Ms Cher Vella Laurenti Engerer
Psychologist: Dr Josette Barbara Cardona
Psychiatrist: Dr Ethel Felice
Psychiatrist: Dr John Mifsud
Social Worker: Ms Alexia Vella
Social Worker: Ms Ariana Attard

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' sena b'seħħ mit-30 ta' Mejju, 2023.

These appointments are for a period of one year with effect from 30th May, 2023.

It-18 ta' Lulju, 2023

18th July, 2023

Nru. 991

IL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

Delega ta' Ċerti Setgħat dwar is-Servizz Pubbliku

MILL-ONOREVOLI Dott. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv., Trib., Melit., MP, Prim Ministru.

BILLI l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li s-setgħa biex ineħħi u biex jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq persuni li jkollhom jew li jkunu jaġixxu f'karigi pubbliċi tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

U BILLI huwa pprovdut ukoll fl-istess artikolu li l-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jista' jiddelega bil-miktub kull waħda mis-setgħat hawn fuq imsemmija lil dak l-uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra kif jistgħu jkunu speċifikati fid-Dokument ta' Delega;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat il-25 ta' Marzu, 1966, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega lill-Kummissarju tal-Pulizija ċerti setgħat ta' kontroll dixxiplinarju fuq persuni li jkollhom jew li jkunu jaġixxu f'xi kariga fil-Korp tal-Pulizija;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat is-17 ta' Diċembru, 1996, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega lid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi ċerti setgħat ta' kontroll dixxiplinarju fuq persuni li jkollhom jew li jkunu jaġixxu f'kull waħda mill-kariga fil-gradi tas-Servizzi Korrettivi, sakemm ma jkunx fil-grad ta' Direttur, Servizzi Korrettivi;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat l-1 ta' Novembru, 1999, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega s-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju skont ir-Regolamenti tal-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina), lill-uffiċjali pubbliċi u l-awtoritajiet elenkati

No. 991

THE CONSTITUTION OF MALTA

Delegation of Certain Powers Respecting the Public Service

BY the Honourable Dr Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv., Trib., Melit., MP, Prime Minister.

WHEREAS article 110 of the Constitution of Malta provides that power to remove and to exercise disciplinary control over persons holding or acting in public offices shall vest in the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission;

AND WHEREAS it is further provided in the same article that the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, may delegate in writing any of the aforementioned powers to such public officer or other authority as may be specified in the Instrument of Delegation;

AND WHEREAS by Instrument of Delegation dated 25th March, 1966, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated to the Commissioner of Police certain powers of disciplinary control over persons holding or acting in any office on the Malta Police Force;

AND WHEREAS by Instrument of Delegation dated 17th December, 1996, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated to the Director, Correctional Services, certain powers of disciplinary control over persons holding or acting in any of the Correctional Services grades other than that of Director, Correctional Services;

AND WHEREAS by Instrument of Delegation dated 1st November, 1999, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated power to exercise disciplinary control in accordance with the Public Service Commission (Disciplinary Procedure) Regulations, 1999, to the public

fl-iSkeda tal-imsemmi Dokument, u sal-limitu li hemm fih indikat;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat il-21 ta' Diċembru, 2004, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega liċ-Chief Executive Officer ta' Heritage Malta s-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju skont ir-Regolamenti tal-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina) fuq l-uffiċjali pubbliċi li jkunu allokati biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom ma' Heritage Malta;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat it-18 ta' Ġunju, 2014, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega s-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju skont ir-Regolamenti tal-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina), lill-uffiċjali pubbliċi u l-awtoritajiet elenkati fl-iSkeda tal-imsemmi Dokument, u sal-limitu li hemm fih indikat;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat il-11 ta' Frar 2020, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega s-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju skont ir-Regolamenti tal-2017 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina), lill-uffiċjali pubbliċi u l-awtoritajiet elenkati fl-iSkeda tal-imsemmi Dokument, u sal-limitu li hemm fih indikat;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat it-22 ta' Marzu 2021, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega s-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju skont ir-Regolamenti tal-2017 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina), lill-uffiċjali pubbliċi u l-awtoritajiet oħra elenkati fl-iSkeda tal-imsemmi Dokument, u sal-limitu li hemm fih indikat;

U BILLI l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li d-Dokumenti hawn fuq imsemmija għandhom ikunu sostitwiti bid-delega ta' setgħat kif indikat hawn taħt;

officers and other authorities listed in the Schedule to the said Instrument, and to the extent indicated therein;

AND WHEREAS by Instrument of Delegation dated 21st December, 2004, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated to the Chief Executive Officer of Heritage Malta power to exercise disciplinary control in accordance with the Public Service Commission (Disciplinary Procedure) Regulations, 1999, over public officers detailed to perform duties with Heritage Malta;

AND WHEREAS by Instrument of Delegation dated 18th June 2014, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated power to exercise disciplinary control in accordance with the Public Service Commission (Disciplinary Procedure) Regulations, 1999, to the public officers and other authorities listed in the Schedule to the said Instrument, and to the extent indicated therein;

AND WHEREAS by Instrument of Delegation dated 11th February 2020, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated power to exercise disciplinary control in accordance with the Public Service Commission Disciplinary Regulations, 2017, to the public officers and other authorities listed in the Schedule to the said Instrument, and to the extent indicated therein;

AND WHEREAS by Instrument of Delegation dated 22nd March 2021, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated power to exercise disciplinary control in accordance with the Public Service Commission Disciplinary Regulations, 2017 to the public officers and other authorities listed in the Schedule to the said Instrument, and to the extent indicated therein;

AND WHEREAS the Public Service Commission has recommended that the aforementioned Instruments of Delegation should be replaced by the delegation of powers set out hereunder;

U BILLI l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li s-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq l-uffiċjali pubbliċi, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S. Kost. 07) għandhom jiġu eżerċitati mingħajr l-ebda referenza għal Kummissjoni mill-uffiċjali pubbliċi jew awtoritajiet elenkati fl-Iskeda ma' dan id-Dokument, sal-limitu hemm indikat fl-istess Skeda u bla ħsara għal xi dispożizzjonijiet speċjali f'dan ir-rigward, iżda –

(i) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tista' f'kull ħin tirrakkomanda lill-Prim Ministru sabiex dan id-Dokument ikun kollu kemm hu rtirat jew ikun irtirat għar-rigward ta' uffiċjali pubbliċi partikolari jew xi awtorità oħra; u

(ii) meta ssir rakkomandazzjoni bħal din, u sakemm il-Prim Ministru jaġixxi fuq rakkomandazzjoni bħal din, is-setgħa delegata permezz ta' dan id-Dokument għandha tkun sospiża kollha kemm hi, jew sospiża biss għar-rigward ta' xi uffiċjali pubbliċi partikolari jew awtoritajiet, kif jista' jkun stipulat fir-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku.

U BILLI jien naqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIEN, ROBERT ABELA, KUOM, BA, LLD, ADV., TRIB., MELIT., MP., Prim Ministru fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, qiegħed b'din nordna li mid-data hawn taħt imsemmija s-setgħat li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li għandhom ikunu eżerċitati mill-uffiċjali pubbliċi jew l-awtoritajiet l-oħra elenkati fl-iSkeda ma' dan id-Dokument u għandhom ikunu hekk eżerċitati mill-imsemmija uffiċjali pubbliċi u l-awtoritajiet l-oħra, sal-limitu li hemm fl-imsemmija Skeda u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali li hemm fiha, u dan skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

MOGĦTI bil-firma tiegħi
fil-Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta
illum 11 ta' Lulju, 2023

AND WHEREAS the Public Service Commission has recommended that power to exercise disciplinary control over public officers, in accordance with the provisions of the Public Service Commission Disciplinary Regulations (S.L. Const. 07), should be exercisable without reference to the Commission by the public officers and other authorities listed in the Schedule to this Instrument, to the extent listed in the said Schedule and subject to any special provisions set out therein, provided that –

(i) the Public Service Commission may at any time recommend to the Prime Minister that this Instrument of Delegation be totally withdrawn or withdrawn in respect of particular public officers or other authorities; and

(ii) upon such a recommendation being made, and until the Prime Minister acts upon such a recommendation, the powers delegated by this Instrument shall be suspended totally or only in respect of particular public officers or authorities, as may be stipulated in the recommendation made by the Public Service Commission.

AND WHEREAS I agree with the said recommendation:

NOW, THEREFORE, I, ROBERT ABELA, BA, LLD, ADV., TRIB., MELIT., MP., Prime Minister, in exercise of the powers conferred by article 110 of the Constitution, do hereby direct that as from the date hereof, the powers which the Public Service Commission has recommended should be exercisable by the public officers and other authorities listed in the Schedule to this Instrument shall be so exercisable by the said public officers and other authorities, to the extent listed in the said Schedule and subject to any special provisions set out therein, and in accordance with the provisions of the Disciplinary Procedure in the Public Service Commission Disciplinary Regulations.

GIVEN under my hand at the
Auberge de Castille, Valletta
This 11th day of July 2023

SKEDA MAD-DOKUMENT TA' DELEGA

L-uffiċjali pubbliċi u awtoritajiet oħra elenkati hawn taħt għandu jkollhom is-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju, skont ir-Regolamenti tal-Proċedura tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S. Kost. 07) u d-Dokument ta' Delega li din l-iSkeda tagħmel parti minnu, mingħajr referenza lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, fuq uffiċjali pubbliċi fl-oqsma tal-ġurisdizzjoni tagħhom, u suġġett għad-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għalihom:

Uffiċjal jew awtorità	*Qasam ta' ġurisdizzjoni*	*Dispożizzjonijiet speċjali*
Segretarju Permanenti Ewlieni	Fil-kapaċità ta' Kap tas-Servizz Pubbliku: (a) uffiċjali pubbliċi fl-uffiċċju tiegħu stess; (b) Segretarji Permanenti, Kapijiet ta'Dipartiment, Diretturi Ġenerali u Diretturi,; (ċ) uffiċjali pubbliċi fi skala ta' salarju 2; (d) uffiċjali pubbliċi fi kwalunkwe uffiċċju jew stabbiliment li ma jagħmlux parti minn Ministeru jew dipartiment tal-Gvern. Kif previst fir-Regolamenti tal-Proċedura tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S. Kost. 07): (a) regolament 12(3); (b) regolament 12(12); (ċ) regolament 13(6); (c) regolament 15(2); (d) regolament 23(2)(d); (e) regolament 23(4); (f) regolament 27(6); (g) regolament 28; (h) regolament 29(4); (i) regolament 32(6).	
	Fil-kapaċità ta' Segretarju Permanenti, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, taħt l-artikolu 14(6) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika: (a) uffiċjali pubbliċi oħra fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u d-dipartimenti li jaqgħu taħtu; (b) uffiċjali pubbliċi assenjati ma' aġenziji tal-Gvern, entitajiet, u organizzazzjonijet pubbliċi oħra taħt ir-responsabbiltà tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru; (ċ) uffiċjali pubbliċi li qabel kienu jaqgħu taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru jew id-dipartimenti li jaqgħu taħtu li jkunu ġew	Is-Segretarju Permanenti Ewlieni jista' jassenja ġurisdizzjoni fuq kwalunkwe kategorija ta'uffiċjali pubbliċi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, id-dipartimenti li jaqgħu taħtu, u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, lis-Segretarji Permanenti maħtura biex jassistuh skont il-proviso tal-artikolu 14(6) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595).

Uffiċjal jew awtorità	*Qasam ta' ġurisdizzjoni*	*Dispożizzjonijiet speċjali*
	assenjati lil organizzazzjoni mhux governattiva; u (d) uffiċjali pubbliċi fis-Segretarjat tal-Prim Ministru u kull Segretarju Parlamentari li jirrapurta lill-Prim Ministru.	
Segretarju tal-Kabinett	Uffiċjali pubbliċi fl-Uffiċċju tal-Kabinett.	—
Segretarji Permanenti	(a) uffiċjali pubbliċi fl-uffiċċju tagħhom stess; (b) uffiċjali pubbliċi oħra fil-Ministeru tagħhom u d-dipartimenti li jaqgħu taħthom; (ċ) uffiċjali pubbliċi assenjati ma' aġenziji tal-Gvern, entitajiet u organizzazzjonijet pubbliċi oħra taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru; (d) uffiċjali pubbliċi li qabel kienu jaqgħu taħt il-Ministeru jew id-dipartimenti li jaqgħu taħtu li jkunu ġew assenjati lil organizzazzjoni mhux governattiva; u (e) uffiċjali pubbliċi fis-Segretarjat tal-Ministru u kull Segretarju Parlamentari li jirrapurta lill-Ministeru.	—
Kummissarju tal-Pulizija	Uffiċjali tal-Pulizija u kwalunkwe uffiċjali pubbliċi oħra assenjati mal-Korp tal-Pulizija ta' Malta.	Setgħat ta' Kap tad-Dipartiment fir-rigward ta' uffiċjali tal-pulizija ma għandhomx ikunu eżerċitabbli mis-Segretarju Permanenti relevanti jew xi uffiċjal jew awtorità oħra minbarra l-Kummissarju tal-Pulizija. Id-delega ta' awtorità għandha tiġi eżerċitata mill-Kummissarju skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Att dwar il-Pulizija (Kap. 164).
Diretturi Ġenerali, Diretturi, Kapijiet Eżekuttivi u uffiċjali pubbliċi oħra f'kapaċità ekwivalenti li huma inkarigati li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju	Uffiċjali pubbliċi fit-taqsimiet, dipartimenti, direttorati jew uffiċċji tagħhom.	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Diretturi (Servizzi Korporattivi) u kwalunkwe uffiċjali pubbliċi oħra fi skala ta' salarju 4 jew ogħla li huma responsabbli għall-immaniġġjar tal-impjegati, is-servizzi korporattivi jew amministrazzjoni f'Ministeru	(a) uffiċjali pubbliċi fid-direttorati jew uffiċċji tagħhom; (b) uffiċjali pubbliċi oħra fil-qasam ta' ġurisdizzjoni tas-Segretarju Permanenti.	Salv għal kwalunkwe struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Uffiċjali pubbliċi fi skala ta' salarju 4 jew ogħla li	(a) uffiċjali pubbliċi fid-direttorati jew uffiċċji tagħhom; u	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti

Uffiċjal jew awtorità	*Qasam ta' ġurisdizzjoni*	*Dispożizzjonijiet speċjali*
huma responsabbli għall-immaniġġjar tal-impjegati, is-servizzi korporattivi jew amministrazzjoni f'dipartiment	(b) uffiċjali pubbliċi oħra fid-dipartiment tagħhom.	responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Direttur responsabbli mill-Kunsilli Lokali	(a) uffiċjali pubbliċi fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali; u (b) uffiċjali pubbliċi assenjati ma' Kunsilli Lokali u organizzazzjonijiet lokali oħra.	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kmandant, Forzi Armati ta' Malta	Uffiċjali pubbliċi assenjati mal-Forzi Armati ta' Malta.	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kapijiet Eżekuttivi, jew persuni f'kapaċità ekwivalenti, ta' aġenziji tal-Gvern, entitajiet tal-Gvern, jew korpi pubbliċi oħra minbarra Kunsilli Lokali u entitajiet oħra tal-gvern lokali	Uffiċjali pubbliċi assenjati ma' aġenziji tal-Gvern, entitajiet, u organizzazzjonijiet pubbliċi oħra, minbarra Kunsilli Lokali u organizzazzjonijiet lokali oħra.	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi. Dawn l-istruzzjonijiet jistgħu jirrikjedu lil kull Kap Eżekuttiv, jew persuna f'kapaċità ekwivalenti li żżomm lis-Segretarju Permanenti infurmat bil-proċeduri dixxiplinarji istitwiti minnu kontra uffiċjali pubbliċi.

SCHEDULE TO THE INSTRUMENT OF DELEGATION

The public officers and other authorities listed hereunder shall have the power to exercise disciplinary control, in terms of the Disciplinary Procedure in the Public Service Commission Disciplinary Regulations (S.L. Const. 07) and the Instrument of Delegation of which this Schedule forms part, without reference to the Public Service Commission, over public officers within their areas of jurisdiction, and subject to the special provisions applicable thereto:

Officer or authority	*Area of jurisdiction*	*Special provisions*
Principal Permanent Secretary	In the capacity of Head of the Public Service: (a) public officers in his own office; (b) Permanent Secretaries, Heads of Department, Directors General and Directors; (c) public officers in salary scale 2; (d) public officers in any office or establishment which does not form part of a Ministry or department of Government.	
	As provided for in the Public Service Commission Disciplinary Regulations (S.L. Const. 07): (a) regulation 12(3); (b) regulation 12(12); (c) regulation 13(6); (d) regulation 15(2); (e) regulation 23(2)(d); (f) regulation 23(4); (g) regulation 27(6); (h) regulation 28; (i) regulation 29(4); (j) regulation 32(6).	
	In the capacity of Permanent Secretary, Office of the Prime Minister, under article 14(6) of the Public Administration Act: (a) other public officers in the Office of the Prime Minister and its subordinate departments; (b) public officers assigned to government agencies, entities, and other public bodies under the responsibility of the Prime Minister; (c) public officers formerly belonging to the Office of the Prime Minister or its subordinate departments who have been assigned to a non-Government body; and (d) public officers in the Secretariat of the Prime Minister and any	The Principal Permanent Secretary may assign jurisdiction over any categories of public officers in the Office of the Prime Minister, its subordinate departments, and entities falling thereunder, to any Permanent Secretaries who are appointed to assist him in accordance with the proviso to article 14(6) of the Public Administration Act (Cap. 595).

Officer or authority	*Area of jurisdiction*	*Special provisions*
	Parliamentary Secretaries reporting to the Prime Minister.	
Secretary to the Cabinet	Public officers in the Cabinet Office.	
Permanent Secretaries	(a) Public officers in their own offices; (b) other public officers in their Ministry and its subordinate departments; (c) public officers assigned to government agencies, entities, and other public bodies under the responsibility of the Ministry; (d) public officers formerly belonging to the Ministry or its subordinate departments who have been assigned to a non-Government body; and (e) public officers in the Secretariat of the Minister and any Parliamentary Secretaries who report to the Ministry.	
Commissioner of Police	Police officers and any other public officers assigned to the Malta Police Force.	Powers of Head of Department with respect to police officers shall not be exercisable by the relevant Permanent Secretary or any other officer or authority save the Commissioner of Police. Delegated authority shall be exercised by the Commissioner in accordance with the relevant provisions of the Police Act (Cap. 164).
Directors General, Directors, Chief Executive Officers and other public officers in an equivalent capacity, who have been charged with exercising disciplinary control	Public officers in their divisions, departments, directorates or offices.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Directors (Corporate Services) and any other public officers in salary scale 4 or higher who are responsible for people management, corporate services or administration in a Ministry	(a) public officers in their own directorates or offices; (b) other public officers within the area of jurisdiction of the Permanent Secretary.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer the power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Public officers in salary scale 4 or higher who are responsible for people management, corporate	(a) public officers in their own directorates or offices; and (b) other public officers in their department.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer the

Officer or authority	*Area of jurisdiction*	*Special provisions*
services or administration in a department		power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Director responsible for Local Councils	(a) public officers in the Local Government Department; and (b) public officers assigned to Local Councils and other local government bodies.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer the power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Commander, Armed Forces of Malta	Public officers assigned to the Armed Forces of Malta.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer the power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Chief Executive Officers, or persons functioning in an equivalent capacity, of government agencies, government entities, or other public bodies other than Local Councils and other local government bodies	Public officers assigned to government agencies, entities and other public bodies, other than Local Councils and other local government bodies.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer the power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers. Such instructions may require any Chief Executive Officer or person in an equivalent capacity to keep the Permanent Secretary informed of disciplinary proceedings instituted by him against public officers.

Nru. 992

MINISTRU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET

Ordni għal Eżenzjoni mill-Applikazzjoni tal-Proviso tal-Artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 18(1) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kap. 512), il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet għamel dan l-ordni li ġej:

Regolamenti tal-2023 dwar iI-Liċenzjar ghall-Industrija tal-Kostruzzjoni huma b'dan eżenti mill-applikazzjoni tal-artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-iskadenzi stabbiliti fl-Avviż Legali.

It-18 ta' Lulju, 2023

No. 992

MINISTER FOR THE ECONOMY, EUROPEAN FUNDS AND LANDS

Application of the Proviso to Article 3(2)(b) of the Small Business Act (Exemption) Order

IN exercise of the powers conferred by article 18(1) of the Small Business Act (Cap. 512), the Minister for the Economy, European Funds and Lands has made the following order:

The Construction Industry Licensing Regulations, 2023 are hereby exempt from the application of article 3(2)(b) of the Small Business Act to ensure implementation in accordance to the timelines established in the Legal Notice.

18th July, 2023

No. 993

MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

Regolamenti tal-2023 dwar il-Liċenzjar għall-Industrija tal-Kostruzzjoni

1. Introduzzjoni

Permezz tar-Regolamenti tal-2023 dwar il-Liċenzjar għall-Industrija tal-Kostruzzjoni, 2023 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti"), il-kuntratturi li bħalissa joffru servizzi ta' Demolizzjoni, Skavar u Kostruzzjoni fl-industrija tal-kostruzzjoni għandhom ikunu obbligati jissottomettu applikazzjoni lill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "BCA") biex jiksbu liċenzja biex joperaw. Dan il-proċess għandu jservi bħala għodda għal-liċenzjar tal-kuntratturi kollha li joffru servizzi ta' Demolizzjoni, Skavar u Kostruzzjoni fl-industrija tal-bini u tal-kostruzzjoni.

2. Sommarju u sfond

Id-dħul fis-seħħ tar-regolamenti għandu jkun pass inizjali lejn il-liċenzjar tal-kuntratturi fl-industrija, u għalhekk dawn ir-regolamenti se jfasslu pjan ġenerali bl-intenzjonijiet u l-iskopijiet li ġejjin:

a) biex jiġi żgurat li l-operaturi fl-industrija jkunu persuni tal-esperjenza u, jew ikkwalifikati biex iwettqu x-xogħlijiet u s-servizzi li jkunu qed jiġu offruti;
b) biex il-klijenti, il-konsumaturi u l-partijiet terzi jkunu protetti aħjar;
c) biex iwassal għal kwalità u standard aqwa tax-xogħlijiet;
d) biex iwassal għal reputazzjoni mtejba tal-industrija tal-kostruzzjoni

Ir-regolamenti għandhom l-għan li jipprovdu qafas regolatorju li jiddefinixxi l-kriterji meħtieġa minn persuna fiżika jew ġuridika biex taġixxi bħala kuntrattur fl-industrija tal-kostruzzjoni tal-bini f'Malta. Permezz tal-liċenzjar se jkun hemm infurzar tar-regolamenti tal-kostruzzjoni kif ukoll rekwiżiti ċari dwar min jista' jipprovdi s-servizzi msemmija. Dan kollu għandu l-għan li jtejjeb l-istandards tal-kwalità fil-kostruzzjoni, jipprovdi ambjent ta' xogħol aktar professjonali għall-operaturi, u jiġi stabbilit ir-responsabbiltà tal-kuntratturi fit-tliet attivitajiet ewlenin tas-servizz li ser ikunu soġġetti għal liċenzjar.

L-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni (Kap. 623) diġà jipprovdi għall-ħruġ ta' liċenzji mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA), filwaqt li l-emendi riċenti fl-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni[2] ppermettew lill-Ministru jwaqqaf kumitati biex iwettqu dmirijiet assenjati lill-Awtorità jinkludi l-ħruġ ta' liċenzji.

Ir-Regolamenti dwar il-Liċenzjar għall-Industrija tal-Kostruzzjoni se jipprovdu:

(i) għat-twaqqif tal-Kumitat tal-Liċenzjar tal-Industrija tal-Kostruzzjoni bil-kompitu speċifiku li joħroġ liċenzji lill-applikanti eliġibbli;
(ii) jiġu introdotti liċenzji fir-rigward ta' tliet attivitajiet ta' servizz, jiġifieri: Demolizzjoni, Skavar u Kostruzzjoni;
(iii) it-twaqqif ta' proċeduri u kriterji li fuqhom jistgħu jinħarġu liċenzji għall-attività ta' servizz rispettiv.

Ir-reġim ta' liċenzjar għandu jkun operattiv għal kollox sal-1 ta' Jannar 2025. Madankollu miżuri temporanji interim se jkunu fis-seħħ fir-rigward tal-applikazzjonijiet imressqa sal-31 ta' Mejju 2024 fil-forma ta' approvazzjoni provviżorja sabiex kwalunkwe kuntrattur liċenzjat prospettiv jitħalla jilħaq il-limiti minimi tal-kriterji biex ikun eliġibbli għal-liċenzja iżda xorta jkun jista' jopera.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma konformi mal-artikolu 3(2)(c) u l-Iskeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta u għall-finijiet tagħhom.

[2]Att XVI tal-2023 – Att tal-2023 li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni.

L-għanijiet ewlenin huma:

1. li jiddefinixxi r-responsabbiltajiet u l-obbligi tal-kuntratturi;
2. it-twaqqif ta' reġim ta' liċenzjar li se jfittex it-titjib fil-livell ta' professjonalità fl-industrija permezz ta' kriterji definiti;
3. it-twaqqif ta' għodod amministrattivi adegwati għal infurzar u kontroll aħjar tal-industrija.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Regolament 1 – Titolu u dħul fis-seħħ
Regolament 2 – Tifsir
Regolament 3 – Applikabbiltà u dispożizzjonijiet tranżitorji
Regolament 4 – Liċenzja ta' kuntrattur
Regolament 5 – Responsabbiltà
Regolament 6 – Twaqqif tal-Kumitat
Regolament 7 – Segretarju tal-Bord
Regolament 8 – Kumitat
Regolament 9 – Terminu tal-kariga
Regolament 10 – Funzjonijiet tal-Kumitat
Regolament 11 – Proċeduri u laqgħat tal-Kumitat
Regolament 12 – Ħlas tal-membri tal-Kumitat
Regolament 13 – Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal-liċenzja
Regolament 14 – Min jikkwalifika
Regolament 15 – Applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja
Regolament 16 – Deċiżjonijiet tal-Kumitat dwar Liċenzjar
Regolament 17 – Avviż għall-Għoti tal-Liċenzja
Regolament 18 – Iċ-Ċertifikat tal-Liċenzja
Regolament 19 – Deċiżjoni li tiġi rifjutata liċenzja
Regolament 20 – Tiġdid ta' liċenzji u għoti ta' taħriġ u korsijiet
Regolament 21 – Bidliet fir-Reġistru
Regolament 22 – Applikazzjoni għall-kanċellazzjoni ta' liċenzja
Regolament 23 – Reati
Regolament 24 – Penali amministrattivi
Regolament 25 – Sospensjoni u revoka tal-liċenzja

Skeda I – Attività ta' Servizz
Skeda II – Kriterji għal kull Attività ta' Servizz
Skeda III – Drittijiet

4. Kummentarju

Ir-**regolament 1** jintroduċi t-titolu tar-regolamenti li hu r-Regolamenti tal-2023 dwar il-Liċenzjar għall-Industrija tal-Kostruzzjoni.

Ir-**regolament 2** jintroduċi sett ta' tifsiriet, li jiddefinixxu t-termini ewlenin li jissemmew f'dawn ir-regolamenti.

Ir-**regolament 3** jispjega d-dispożizzjonijiet ġenerali tar-regolamenti, jiġifieri:

a) Jipprovdi li r-reġim ta' liċenzjar għandu jkun operattiv għal kollox sal-1 ta' Jannar 2025.
b) L-iskedi ta' żmien għat-tnedija tal-leġiżlazzjoni, inkluż meta mhux se jkun possibbli li jiġu pprovduti servizzi mingħajr approvazzjoni provviżorja u sussegwentement mingħajr liċenzja kif indikat fid-dijagramma numru 1.
c) L-implikazzjonijiet għal fornitur tas-servizz jekk ma jikkonformax ma' dan ir-regolament jew ma' kwalunkwe regolament ieħor fl-Att jew regolamenti oħra tiegħu.

Ir-**regolament 4** jistabbilixxi l-liċenzji ta' kuntrattur u kif ukoll jistasbilixxi l-istituzzjonijiet li huma eżentati mir-rekwiżit li jkollhom liċenzja biex iwettqu x-xogħlijiet. Ir-regolament jiddeskrivi wkoll li japplikaw drittijiet għad-detenturi ta' liċenzja.

Ir-**regolament 5** jipprovdi r-responsabbiltajiet tad-detenturi ta' liċenzja u jidderigi lid-detenturi tal-liċenzji biex jirrispettaw ir-regolamenti l-oħra kollha bil-liġi jew kwalunkwe struzzjoni mogħtija lilhom mill-Awtorità, li jimxu mad-

direzzjonijiet mogħtija mill-perit jew minn kwalunkwe persuna responsabbli skont il-liġi u li kwalunkwe xogħlijiet imwettqa minn kuntratturi għandhom ikunu koperti b'mod adegwat minn polza tal-assigurazzjoni.

Ir-**regolamenti 6 sa 10** jispeċifikaw kif il-Kumitat tal-Liċenzjar tal-Industrija tal-Kostruzzjoni , il-mandat tiegħu, il-kompożizzjoni tiegħu, it-terminu tiegħu u l-kriterji meħtieġa biex wieħed ikun eliġibbli biex ikun fil-kumitat.

Ir-**regolamenti 11 u 12** jiddeskrivu r-rekwiżiti proċedurali minimi tal-funzjoni tal-kumitat inkluż kif il-kumitat għandu jiltaqa', il-kworum, ir-remunerazzjoni, il-kunflitt ta' interess u l-votazzjoni fuq id-deċiżjonijiet, filwaqt li fl-istess ħin jippermettu lill-kumitat jirregola l-proċeduri tiegħu stess dwar kwistjonijiet oħra.

Ir-**regolament 13** jispjega kif l-Awtorità għandha tikkomunika mal-pubbliku u fejn għandha tippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet għal-liċenzji, il-kriterji biex wieħed ikun eliġibbli biex japplika għal liċenzja u d-drittijiet relatati.

Ir-**regolamenti 14 u 15** jagħtu dettalji dwar il-kriterji dwar min jikkwalifika u l-informazzjoni meħtieġa biex wieħed japplika għal liċenzja ta' kuntrattur u jenfasizzaw li kull attività ta' servizz tirrikjedi applikazzjoni għal liċenzja separata.

Ir-**regolamenti 16, 17 u 19** jispjegaw l-attivitajiet operazzjonali tal-Kumitat waqt l-ipproċessar tal-liċenzji, inkluż iż-żmien li għandhom jieħdu ċerti attivitajiet, l-informazzjoni addizzjonali li l-Kumitat jista' jitlob u kif il-Kumitat għandu jippubblika d-deċiżjonijiet tiegħu u jinforma lill-applikant. Ir-regolamenti jispeċifikaw ukoll il-kontenut tad-dokument tal-liċenzja inkluża d-data ta' skadenza tiegħu, kif ukoll il-post fejn wieħed isib id-drittijiet applikabbli biex tinħariġlu l-liċenzja. Fil-każ li applikazzjoni għal liċenzja tiġi miċħuda, ir-regolamenti jistipulaw li l-applikant irid jiġi infurmat bir-raġuni għar-rifjut tal-applikazzjoni kif ukoll bid-drittijiet tiegħu skont ir-regolamenti, inkluż id-dritt ta' appell quddiem it-Tribunal tal-Bini u l-Kostruzzjoni.

Ir-**regolament 18** jispeċifika li l-liċenzja li tkun inħarġet lill-kuntrattur għandha dejjem tinżamm fuq il-kuntrattur, u li kwalunkwe taċ-ċertifikat tal-liċenzja li ma jibqax ċar jrid jiġi mibdul. Ir-regolament jispeċifika wkoll li l-informazzjoni tal-kuntrattur għandha tinżamm f'reġistru.

Ir-**regolament 20** jispeċifika l-perjodu ta' validità tal-liċenzja, li warajh il-kuntrattur għandu jissottometti applikazzjoni valida u kompluta sabiex iġedded il-liċenzja tiegħu, li jkollha tiġi evalwata mill-ġdid u fejn meħtieġ, il-kuntrattur għandu jintalab jattendi korsijiet biex jibqa' aġġornat dwar l-aħħar avvanzi fis-settur.

Ir-**regolament 21** jispeċifika li kwalunkwe tibdiliet fid-dettalji tal-liċenzja jew bidla fil-persuni nominati għandhom jiġu komunikati mingħajr dewmien lill-Awtorità. Jekk ikun hemm xi bidla fl-amministratur liċenzjat, l-Awtorità għandha tiġi infurmata sa mhux aktar tard minn 3 ijiem tax-xogħol. Fil-każ ta' bidla fid-dettalji tal-amministratur liċenzjat, ix-xogħlijiet iridu jiġu sospiżi sakemm jiġi approvat sostitut xieraq mill-kumitat.

Ir-**regolament 22** jispjega l-proċess biex wieħed japplika għall-kanċellazzjoni ta' liċenzja u l-iskedi ta' żmien għall-Kumitat biex jipproċessa l-applikazzjoni u t-termini assoċjati mat-talba għall-kanċellazzjoni.

Ir-**regolamenti 23 u 24** jispjegaw it-tipi ta' Reati li kwalunkwe persuna jew entità tista' tinstab ħatja tagħhom u l-multi jew il-priġunerija, jew it-tnejn li huma, li hija għandha tkun suġġetta għalihom f'każijiet bħal dawn filwaqt li jipprevedu wkoll il-penali amministrattivi li jistgħu jinħarġu wkoll fir-rigward ta' tali reati u r-rimedji disponibbli f' dawk iċ-ċirkustanzi. Fil-każ fejn il-ħati jaċċetta r-responsabbiltà għal reat, u jimplimenta l-miżuri ta' rimedju u jħallas il-penali amministrattiva assoċjata, l-Awtorità ma għandhiex tibda proċedimenti kriminali kontrih.

Ir-**regolament 25** jagħti dettalji dwar iċ-ċirkostanzi fejn liċenzja tista' tiġi sospiża jew revokata mill-Bord jew minn Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Tali deċiżjonijiet għandhom jiġu ppubblikati mill-Awtorità fil-Gazzetta u fuq is-sit web tal-Awtorità. Il-persuna jew entità leża għandu jkollha d-dritt għall-appell quddiem t-Tribunal. Dan ir-regolament jipprovdi wkoll l-istabbiliment mill-ġdid ta' liċenzja bbażata fuq azzjoni ta' rimedju mill-kuntrattur.


L-**Iskeda I** telenka l-attivitajiet ta' servizz li jirrikjedu liċenzja.

L-**Iskeda II** telenka l-kriterji li jridu jiġu ssodisfati biex tinkiseb liċenzja għall-attivitajiet ta' servizz elenkati fl-Iskeda I u tindika li tali kriterji jridu jiġu ssodisfati mill-1 ta' Jannar 2025 minn kuntrattur liċenzjat. Din l-Iskeda tipprevedi wkoll kunsiderazzjonijiet li l-Kumitat jista' jagħmel biex jikkwalifika lill-applikanti fid-dawl tal-issodisfar tal-kriterji.

L-**Iskeda III** tiddefinixxi d-Drittijiet pagabbli għax-xogħol amministrattiv u għal-liċenzja rispettivament.

5. Implimentazzjoni

F'konformità mar-regolamenti, l-implimentazzjoni għandha tkun kif indikat fid-dijagramma li ġej:



Illustrazzjoni 1 . Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti.

Il-kuntratturi li jonqsu milli japplikaw mal-BCA sal-31ta' Ottubru 2023 ma għandhomx jitħallew joffru s-servizzi deskritti f'din il-leġiżlazzjoni.

6. It-taqsima tal-għeluq

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data stabbilita mill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubblici u l-Ippjanar b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Għal aktar informazzjoni jew kjarifika dwar l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jekk jogħġbok agħmel il-mistoqsijiet tiegħek lill-BCA permezz ta' posta elettronika fuq (info@bca.org.mt) jew permezz tat-telefown fuq 80049000.

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

No. 993

MINISTRY FOR PUBLIC WORKS AND PLANNING

Explanatory Notes[1]

Construction Industry Licensing Regulations, 2023

1. Introduction

